# QTIGĦ IR-RAS TA' SAN ĠWANN

*(Fid-29 t' Awissu)*

X'ħaġa, hux! Qalb ta' mara tħobb aktar minn qalb ta' raġel. Mara tħobb *aktar* minn raġel, u tobgħod *aktar* minn raġel ukoll. Miskin int jekk taħsel tobgħodok mara! Għax iddum issus warajk, jekk tkun fejn tilħqek, sa kemm teqerdek minn fuq wiċċ l-art!

Hekk ġralu Johanan il-Belli, jew san Ġwann il-Għammiedi (għax magħmudija kienu jgħidulha *bella,* għax min jitgħammed dak iż-żmien kien jitgħaddas, jiġiferi jinbell fl-ilma ġismu kollu). Kien raġel qaddis, għaref, saddiq, maħbub mill-poplu u mis-sultan. Imma ħaslet bagħditu mara u ġebitu fejn reditu. Biex teħles minnu setgħet keċċietu barra mill-pajjiż. Imma maqtul reditu, u b'alleċ, maqtul ratu ta' bil-ħaqq.

* * *

Il-ġrajja ta' san Ġwann u Erodija kull ħadd jafha. Imma għal xi ħadd li ma jafhiex sewwa, u biex dejjem tiġġedded it-tifkira f'moħħ min jafha, jaqbel li nerġgħu ngħiduha, fil-qosor, mill-ġdid.

Mela, Erodi x-Xiħ, dak li fi żmie-



**QTIGĦ IR-RAS TA' SAN ĠWANN IL-GĦAMMIEDI.**
**Xogħol ta' Caravaggio għall-Oratorju ta' San Ġwann tal-Belt.**

nu twieled il-Bambin, li ġebnielkom l-istorja tiegħu m'ilniex wisq, f'din ir-rivista, kien raġel tad-dinja, u għal hekk kien miżżewweġ ħafna nisa, kif kienu jkunu l-għonja ta' dak iż-żmien. Minn dawn in-nisa kellu għadd kbir ta' wlied, bniet u subjien. Minn dawn is-subjien qatel kemm il-wieħed (għax l-hena tiegħu hekk kienet jibni bini kbir u joqtol in-nies!) u l-oħrajn kienu mxerrda 'l hawn u 'l hemm. Xi tnejn minn dawn uliedu s-subien kienu qegħdin Ruma.

Wara li miet Erodi x-Xiħ, il-pajjiż li jgħidulu Galilija, fil-Palestina, ingħata lil wieħed minn uliedu jismu Antipa. Dan kien miżżewweġ lil bint is-sultan tal-Għarab, Areta IV, għax artijiethom kienu qrib xulxin.

Dan Antipa darba waħda mar Ruma, u hemmhekk, kif kien jixraq, qagħad fid-dar ta' wieħed minn ħutu li kien jgħammar hemm, u kien jismu Filippu (jew Erodi wkoll, għax min igħid hekk u min hekk). Lil Antipa għoġbitu wisq il-mara ta' ħuh, u qalilha jekk tridx taħrab u tmur miegħu u ssir sultana tal-Galilija. Dik qaltlu iwa, imma għax-xart li l-mara li kellu, bint Areta s-sultan tal-Għarab, ikeċċiha, u hi tibqa' weħedha, għax kienet għajjura bis-sħiħ.

Antipa telaq lejn il-Galilija. Bint is-sultan tal-Għarab ħarbet għal għand missierha, għax xammet kollox x'kien ġej. Erodija ħarbet ukoll minn għand żewġha, f'Ruma, u marret tgħix ma' Antipa, fil-Galilija, fejn kien hemm ukoll San Ġwann.

San Ġwann dak iż-żmien kien fl-aqwa tax-xogħol tiegħu. Kien jgħammed lin-nies fix-xmara tal-Ġordan u jwissihom biex jagħmlu t-tewba ta' dnubiethom, jiġifieri fl-ilsien ta' dak iż-żmien, li jbiddlu ħajjithom, għax kienet qorbot is-saltna, jew kif kien jitkellem Hu, *Melkut* is-Smawwiet.

Lil San Ġwann, ma għandniex xi ngħidu, ma għoġbitux il-biċċa li kien għamel Antipa, li jieħu l-mara ta' ħuh. Għax jekk is-sultan għamel biċċa bħal dik, kemm jagħmlu aktar in-nies tas-saltna tiegħu? Kien *skandlu* kbir kemm jista' jkun. Għalhekk mar quddiem Antipa u qallu: "Ibgħat dik il-mara Ruma, mill-ġdid, għand żewġha. Dik ma hix martek! Fittex eħles minnha, u ibgħatha lejn darha bla telf ta' żmien!"

Erodija kienet għal qalbha bħala sultana tal-Galilija, wisq aħjar milli kienet f'Ruma, għalhekk għall-kliem ta' San Ġwann ħadet għaliha. F'qalbha qaltlu: "Minn taħt idejja tgħaddi! Inġibek fejn irrid!"

L-ewwel ma għamlet ġegħlet lil Antipa jaqbad lil San Ġwann u jżommu magħluq fil-kastell tiegħu li kellu fil-barr, fuq ġebel għoli. Imbagħad, meta darba kellhom għors, bagħtet lil bintha tiżfen quddiem il-mistednin. Antipa, kif kien ferħan bil-għors u rasu sħuna bix-xorb żejjed, staqsa lit-tifla x'riedet talli żifnet. Dik billi kienet żgħira, ma kienitx taf x'tibda titlob. Marret staqsiet lil ommha. U ommha qaltet f'qalbha: "Issa l-waqt!"

Qalet lil bintha: "Taf x'għandek titolbu lis-Sultan? Itolbu jagħtik issa issa, ras Johanan, dan li għandna fil-ħabs!"

Qalet lis-Sultan kif wissietha ommha. Dan inħasad, imma deherlu li ma kellux jikser il-kelma li kien taha quddiem il-mistednin. Għalhekk, bla telf ta' żmien, bagħat jaqta' ras Johanan u tahielha ġewwa żinġla, kif kienet talbet hi.

Igħidu li Erodija, kif qellha ras S. Ġwann f'idejha, fetħitlu ħalqu, ħarġitlu lsienu u bdiet ittaqqabulu b'labra. Bdiet tgħidlu: "Ah, ja lsien misħut! Sa hemm tasal, eh? Kellek il-ħila tgħidlu jkeċċini minn miegħu s-sultan!"

U hekk, għall-mibgħeda ta' mara ġelja, inqered San Ġwann, l-aqdes raġel li kien hemm fil-Galilija dak iż-żmien.

P. Valentin Cardona, O.F.M.